MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2015

Talba Numru. 225/2014

**Elmo Insurance Limited (C 3500)**

**vs**

1. **Matthew Sammut ID 106785M**
2. **Christian Agius ID 183687M**

**It-Tribunal,**

PRELIMINARI

**Ra** li l-isfond ta' dina l-kawza hu fil-qosor dan:

a) Fl-20 ta' Frar 2010 saret habt fin-Naxxar bejn vettura nru KBL 068 misjuqa minn Christian Agius (wiehed mill-Konvenuti fil-kawza prezenti) u vettura nru LCI 547 ta' Multi Packaging Ltd (assikurata mas-Socjeta' Attrici assikuratrici b'*excess* ta' €255).
b) Christian Agius ammett r-responsabilta' ghall-incident li sehh meta kien qed iragga lura l-vettura li kellu f'idejh. Dana meta il-kaz mar Arbitragg fejn il-*claimants* kienu l-Atlas Insurance PCC Ltd noe u Multi Packaging Ltd u l-Intimat kien Christian Agius.
c) L-Arbitragg spicca b'kundanna kontra l-Intimat biex ihallas €998.60 lis-Socjeta' assikuratrici, €225 lil Multipackaging Ltd u biex ihallas imghax, l-

ispejjes ta' ittra ufficjali u dawk konnessi mal-Arbitragg. *Award* datat 27/6/2013 (Dok CA *a fol* 5/7).

**Ra** li fil-premessi ghall-AVVIZ hemm riferenza ghal dan l-isfond imsemmi u jizdied hekk:-

a) Il-polza kienet mahruga fuq isem il-Konvent l-iehor fil-kawza odjerna, jigifieri Matthew Sammut, l-*employer* ta' Christian Agius u din kienet tkopri sewwieqa li jkollhom 'l fuq minn 25 sena – li Agius ma kellux.
b) B'danakollu, in vista tal-ligi *in materia* favur terzi persuni, il-Kumpanija Attrici osservat id-decizjoni arbitrali u hallset danni u spejjes li b'kollox ammontaw ghal €1,988.94. Dana minkejja li, tallega li s-Socjeta' Attrici, il-Konvenuti kisru kondizzjoni ewlenija tal-polza.

Hawn is-Socjeta' Attrici, talbet li l-Konvenuti jigu kundannati jhallsuha il-*quantum* ta' elf, disa' mija, tmienja u tmenin Ewro erbgha u disghin centezmi (€1,988.94c) bl-imghax mid-data tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar 2011 (Dok MS *a fol* 4) lill-Konvenuti b'talba ghall-hlas.

**Ra** r-RISPOSTA tal-Konvenut Christian Agius (KI 183687M) li kienet hekk:-

(i) Preliminarjament illi hu mhux legittmu kontradittur billi ma kellu ebda relazzjoni guridika mas-Socjeta' Rikorrenti;
(ii) Il-pretensjoni attrici se mai titwieled minn inadempjenza kontrattwali nkwantu l-assikurat f'dan il-kaz kien Matthew Sammut;
(iii) Il-principju tal-*uberrimae fidei* jikkoncerna lill-kontraenti – li l-eccipjent ma kienx;
(iv) L-eccipjent, li kellu anqas minn 25 sena meta sehh l-incident awtomobilistiku msemmi, saq bil-volonta ta' Matthew Sammut li mieghu kien impjegat;
(v) L-eccipjent m'ghandu jbati ebda spejjes.

**Ra** r-RISPOSTA ta' Matthew Sammut hekk:-

(i) In kwantu diretta kontrih hi nfondata fid-dritt u fil-fatt;
(ii) Bla pregudizzju, il-polza mitluba mill-eccipjent kellha tkopri s-sewwieqa kolha fuq it-18-il sena. L-eccipjent qatt ma ta l-kunsens tieghu biex din tigi limitata jew mibdula.

KONSIDERAZZJONIJIET

1. It-TRIBUNAL hu ristrett ai termini tal-artiklu 3(2) tal-Kap tal-Kap 380 tal-Ligijiet ta Malta sabiex jikkunsidera "biss t-talbiet ta flus".
2. Hu ovvju kemm min-natura tat-talbiet odjerni kif ukoll min-natura tar-risposti taz-zewg intimati li irid jigi kunsiderat ferm aktar minn talba ghal flus f'dawn il-proceduri.

**DECIZJONI**

In vista ta’ dak kollu migjub hawn fuq it-TRIBUNAL **jiddeciedi** illi din il-kawza mhux fig-gurisdizzjoni taghha u jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kas bl-ispejjas a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------